

NEWSPAPER POST

Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Lulju - Awwissu 2007

Nru 157

# "L-AKTAR FESTA POPOLARI TAL-GŻIRA"





Uffiċċju Editorjali: **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

### Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali

11-07-2007 **Luke Cardona**,
iben George Cardona u Sonia Debrincat
22-08-2007 **Keira Bugeja**,
bint Simon Bugeja u Josianne Mercieca
28-07-2007 **Shannah Galea**,
bint Rodhen Galea u Pamela Debono

### Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

09-06-2007 **Gorg Mario Farrugia**
u **Melanie Buhagiar**
15-06-2007 **Yousef Salannah**
u **Magdalene Salannah Cachia**
23-06-2007 **Angelo Portelli** u **Nicolette Camilleri**
29-06-2007 **Justin Zammit** u **Daniela Xerri**
30-06-2007 **George Spiteri** u **Rowena Vella**
20-07-2007 **Keith John Bonnici** u **Marica Camilleri**

### Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt

18-06-2007 **Gorg Sacco**
22-07-2007 **Mary Farrugia**

## IL-WEBSITE TA' SAN ĠORĠ:

# www.stgeorge.org.mt

- Idħlu fiha ħa tkunu tafu x'inhu jiġri fil-Parroċċa tagħkom.
- Għadduha lil xulxin u agħtuha lill-emigranti li għandkom.
- Ibagħtu messaġġi fuqha permezz tal-Guestbook.
- Agħtu s-suġġerimenti tagħkom biex titjieb.
- Qed tiġi "updated" regolarment, diversi drabi fil-ġimgħa.

**Nirringrazzjaw lil:** Joe Attard, Michael Camilleri u Joe Zammit li pprovdew ir-ritratti għal din l-edizzjoni.

**Nifirħu lil:** Jonathan Sultana li nħatar sagristan ġdid tal-bażilika.

# *Editorjal*

## Fraħna u ferraħna!

Għeżież qarrejja ta' din il-gazzetta, dan hu wieħed mill-iskopijiet tal-festa Ġorġjana: li ningħaqdu bħala komunità waħda u flimkien nifirħu u nferrħu lil kulmin iżur il-belt Victoria għall-okkażjoni tal-festa ta' San Ġorġ, il-festa tagħna l-Ġorġjani imma wkoll tar-Rabtin u l-Għawdxin.

Kulħadd, b'xi mod jew ieħor, seta' jduq mis-sbuħija unika tal-festa ta' San Ġorġ u jieħu gost biha. F'dawn l-aħħar għaxar snin ħafna setgħu jidħlu fl-atmosfera tal-festa aktar qabel mis-soltu. Dan għaliex il-Victoria International Arts Festival dejjem jippreċiedi l-festa b'għażla ta' kunċerti ta' livell impekkabbli, mhux biss għalina l-Ġorġjani imma għal dawk kollha, anki barranin, li jattendu għalihom. Din is-sena assistejna għal xi attivitajiet straordinarji, bħalma kien il-kunċert bis-sehem tal-kor Laudate Pueri, diversi korijiet barranin li ġew mistiedna, kif ukoll l-Orkestra Nazzjonali taħt id-direzzjoni tas-surmast Prof. Joseph Vella. Dan il-kunċert grandjuż sar biex ifakkar l-għaxar snin mill-bidu tal-Victoria International Arts Festival kif ukoll il-ħamsa u għoxrin sena saċerdozju tal-Kan. George J. Frendo. Lil dan ta' l-aħħar nifirħulu, bħalma nifirħu lil diversi qassisin oħra mill-parroċċa li ċċelebraw xi anniversarju presbiterali din is-sena.

Dan il-festival huwa biss ħolqa waħda f'katina fejn il-partijiet kollha jingħaqdu biex jinsġu festa tabilħaqq "Ġorġjana". Bid-daqq tal-qniepen Ġorġjani u l-ħoss qawwi tal-murtali bdiet it-tieni ġimgħa ta' Lulju, li wasslitna għall-qofol tal-festa nhar il-Ħadd 15 ta' Lulju 2007. Tul din il-ġimgħa assistenja għal spettaklu sabiħ ta' mużika li nstemgħet tidwi ġewwa l-ħitan ta' l-ewwel bażilika Għawdxija. Il-kor u l-kantanti barranin, flimkien ma' l-orkestra, bħas-snin ta' qabel taw wirja ta' armonija perfetta, fl-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ċelebri ta' kompożituri Ġorġjani bħalna. Imbagħad xi ngħidu għall-priedki tat-tridu mxandra b'daqshekk entużjażmu mill-qassis żagħżugħ tagħna Geoffrey George Attard! Żgur li d-demm Ġorġjan baqbaq bil-qawwa fil-vini tagħna aħna u nisimgħuh.

Ma nistgħux ninsew lill-ħafna għaqdiet li taw sehemhom f'din il-festa, bħall-grupp taż-żgħażagħ 23four>> li, bħal kull sena, ħejja u mexxa l-laqgħa taż-żgħażagħ nhar it-Tlieta tal-festa. Prosit u grazzi jmorru wkoll għal għaqdiet bħal dawk ta' l-armar u tat-tindif tal-bażilika, li kellhom biċċa xogħol diffiċli. Minbarra l-festi ċċelebrati fil-bażilika Ġorġjana, stajna nammiraw ukoll il-festi esterni organizzati mis-Soċjetà Filarmonika La Stella. Dawn huma eżempju ċar ta' kif organizzazzjoni tajba twassal għal festa unika. Minn nhar it-Tlieta sa nhar il-Ħadd folol kbar ta' nies ħanqu lir-Rabat biex isegwu l-briju u l-ferħ ġenwin fil-marċi tal-festa. Ħafna Maltin u turisti wkoll għażlu li jaqsmu l-fliegu u jiġu jingħaqdu magħna f'din il-festa Ġorġjana. Kelma ta' l-aħħar tmur għall-kollaboraturi tar-radju Leħen il-Belt Victoria li, bħal kull sena, jagħtu servizz impekkabbli lill-morda u l-anzjani tagħna, kif ukoll lill-ħafna emigranti li jkunu jsegwu l-frekwenza 104 FM Stereo minn fuq l-internet. Biex isir dan kollu kien meħtieġ ħafna xogħol li ħafna drabi aħna ma nkunux nafu bih. Ħafna huma dawk li b'mod volontarju jagħtu daqqa t'id biex din il-festa tibqa' dik li hi, jiġifieri l-festa ta' San Ġorġ, il-festa ta' Għawdex.

**Andrew Formosa**
ilbeltvictoria@yahoo.com
*Editur*

info@stgeorge.org.mt



*Messaġġ mill-Arċipriet*
***Mons. Ġużeppi Farrugia***

## FRAĦNA B'SAN ĠORĠ... GĦAMILNA FESTA

Hekk ktibt lill-parruċċani ta' San Ġorġ ftit jiem wara l-festa.

Intenni ngħid li kollox mar sew; xejn ma nikktilna qalbna u kulħadd seta' jaqsam fil-ġmiel uniku li hi l-festa ta' San Ġorġ – festa popolarissma, ta' ferħ li ma jafx iweġġa' l-qalb, ta' mħabba bejn il-Ġorġjani li ħsiebhom kien biss f'San Ġorġ, kburin bl-identità li jagħtina San Ġorġ, u ħerqanin li hu wkoll, fil-ġenna fejn jinsab, ikun jista' jitkabbar bina.

F'din il-ħarġa ta' *Il-Belt Victoria* qed nagħtu xi rapporti ta' xi mumenti jew aspetti tal-festa. Imma żgur li m'humiex biżżejjed biex jittrasmettu l-atmosfera unika li jkun hawn fir-Rabat fil-jiem tal-festa ta' San Ġorġ. Dawk li segwewna permezz tat-trasmissjonijiet diretti tar-radju tal-komunità *Leħen il-Belt Victoria* u permezz tal-websajt forsi għandhom xi ħjiel ta' x'qed ngħid.

Barra minn dak li ta' kull sena tagħtina, il-festa ta' San Ġorġ saret ukoll tlaqqagħna ma' għadd kbir ta' barranin li jiġu fostna biex jgħinuna fl-aspett mużikali tagħha. Kulħadd jaf li l-ġmiel ta' liturġija qaddisa u l-livell ta' mużika sagra li jkollna ġol-bażilika huma l-fohrija ta' Malta u Għawdex kollha. Ma' dawn hemm is-serati mużikali tal-ġenn li jsiru fil-festival internazzjonali ta' l-arti, li qed jiġbdu lejn il-qalba tar-Rabat nies ta' kultura kbira minn kullimkien.

Prosit lill-organizzaturi u lill-parteċipanti attivi kollha, kemm tal-festi ta' barra u kemm, ovvjament, tal-festi ta' ġewwa. Grazzi b'mod partikulari lis-Soċjetà Filarmonika *La Stella* għar-rispett li dejjem turi u għall-prijorità li dejjem tagħti lill-Knisja. Tifħir fuq kollox lil Alla, li tana lil San Ġorġ biex aħna l-Għawdxin, taħt il-protezzjoni tiegħu, stajna nitnisslu fil-fidi Kristjana u nitrawmu fiha. Fraħna, tabilħaqq, b'San Ġorġ, u ma weġġajna qalb ħadd. Fil-jiem li ġejjin, u speċjalment fil-15 ta' Awwissu, aktarx li sa jkun hemm min lilna l-Ġorġjani sa jweġġgħalna qalbna. Ma jimpurtax. Il-ferħ ta' Ġesù Kristu, ta' ommna Marija u ta' San Ġorġ ma jista' jeħodulna ħadd...

---

**San Ġorġ 2007:**

# Nippruvaw infissru

**Francesco Pio Attard** - francescopio@waldonet.net.mt

Donnu jonqsok il-kliem meta tiġi biex tikteb fuq il-festa ta' San Ġorġ! Tiġi kull sena imma qatt m'hi l-istess. Dejjem iżjed speċjali, iżjed kbira, iżjed sabiħa. Ġimgħa li kulħadd ikun ilu jistenniha ma nafx kemm, u mbagħad tgħaddi tiġri iktar mis-sempliċi ħsieb tagħha. Il-barranin li kienu fostna u tant oħrajn li żaruna jistgħu jitkellmu iżjed minna fuq dak li raw b'għajnejhom. Imma aħna, ta' Ġorġjani li aħna, nistgħu nitkellmu fuq dak li ħasset qalbna u xejn iżjed.

Għidt "ġimgħa", imma l-festa li ssir f'ġieħ San Ġorġ fil-bażilika tiegħu fir-Rabat ta' Għawdex tinkorpora wisq aktar minn hekk. Dawk li kmieni kmieni f'Ġunju rċivew fi djarhom il-programm tal-festa, stampat għal darb'oħra fi ktejjeb mill-aktar preżentabbli mħejji mill-uffiċċju parrokkjali ta' San Ġorġ – li f'dawn il-ġranet iżjed milli fi ġranet oħra jkun bieżel iktar minn xehda naħal –, setgħu jifhmu waħidhom x'irrid ngħid b'dan. Kważi xahar ta' attivitajiet li jkopru l-aspetti kollha ta' festa Maltija u jintroduċu fiha oħrajn ġodda li jagħmlu minn "San Ġorġ ta' Għawdex" festa unika f'kull sens u dejjem ġdida. Qisek għandek menu varjat li minnu tista' tagħżel dak li trid... mill-oqsma kollha ta' l-arti u



L-istatwa ta' San Ġorġ, xogħol ta' Pietru Pawl Azzopardi, tibda tiela' Triq ir-Repubblika

l-kultura sat-tifsira reliġjuża imma wkoll spiritwali li tistrieħ fil-qalba tal-festa. F'dan kollu hemm ukoll orjentament pastorali li ftit japprezzaw, imma li jikkostitwixxi l-fundament tal-kuntatti li l-festa toħloq bejn il-parroċċa u l-membri tagħha.

Bil-*Victoria International Arts Festival*, li din is-sena daħal fl-għaxar edizzjoni tiegħu, il-programm tal-festa nfetaħ fuq medda ta' aktar ġimgħat, qabel u wara t-tieni ġimgħa ta' Lulju, b'kalendarju interessanti ta' kunċerti sinfoniċi u korali flimkien ma' attivitajiet oħra

li għamlu l-festa ta' San Ġorġ tabilħaqq kulturalment għanja. Ma naslux biex insemmu kull serata li ttellgħet fl-awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, li ma setax instab post aktar adattat minnha, imma nsemmu l-aktar kunċert importanti li fih tfakkar l-għaxar anniversarju tal-festival u l-ħamsa u għoxrin sena presbiterat tal-Kan. George J. Frendo, wieħed mill-fundaturi u organizzaturi ħabrieka ta' dan il-festival, li din is-sena ġie mżejjen ukoll bid-dinjità ta' kanonku onorarju tal-kolleġġjata Ġorġjana. Il-kunċert ittella' t-Tnejn tal-festa filgħaxija, fi knisja mdawla bis-sistema l-ġdida ta' l-illuminazzjoni artistika li kienet għadha kemm ġiet inawgurata ftit jiem qabel, proprju fit-30 ta' Ġunju, u fih l-Orkestra Nazzjonali daqqet is-*Symphony No. 3 (The Apocalypse Verses)* tal-Prof. Joseph Vella, waqt li l-kor *Laudate Pueri* kien ewlieni fost korijiet oħra barranin, mistiedna għall-festival, li kantaw.

Waqt li l-Ġimgħa 6 ta' Lulju saret l-ikla tradizzjonali tal-festa fi Pjazza San Ġorġ, il-programm "tradizzjonali" tal-festa ta' San Ġorġ 2007 fetaħ it-Tlieta 10 bil-ħruġ min-niċċa ta' l-istatwa ta' San Ġorġ fil-bażilika, wara li fis-18.00 l-arċipriet emeritu Mons. Salv Borg mexxa konċelebrazzjoni f'Taċ-~awla u l-banda *La Stella* telgħet lejn ir-Rabat b'marċ. Il-bażilika kienet imballata biż-żgħażagħ mimlija entużjażmu fil-ħruġ ta' l-istatwa. Ħafna baqgħu fil-knisja għaċ-~*elebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana* li l-grupp *23four>>* organizza b'suċċess fil-knisja. Din il-laqgħa taż-żgħażagħ, li ilha ssir żmien twil, kienet organizzata fuq livell għoli ħafna s-sena l-oħra fil-pjazza. Din is-sena rġajna lura ġewwa l-knisja, imma nżammet l-idea ta' preżentazzjoni bil-*powerpoint* fiċ-ċentru tal-laqgħa, li din is-sena kellha t-tema misluta minn kliem il-qaddis ġdid Malti Dun Ġorġ Preca, *Kunu ħbieb tal-Vanġelu*. Wieħed ma jistax ma japprezzax il-ħidma sfiqa taż-żgħażagħ tal-parroċċa fit-tħejjija ta' din il-laqgħa. Nemmen li l-ħlas tagħhom huwa li jaraw dik ix-xena sabiħa ta' tant żgħażagħ "Ġorġjani veri" miġbura madwar San Ġorġ biex jitgħallmu mill-eżempju tiegħu kif iħobbu lil Ġesù u, bħal San Ġorġ, jagħtu xhieda għalih mingħajr mistħija. Din is-sena, il-parroċċa tirringrazzja wkoll lil Alla għall-preżenza tas-seminarista Joseph N. Curmi, li mexa id f'id mat-tfal, l-adoloxxenti u ż-żgħażagħ tagħna, f'akkumpanjament ta' fidi. Fl-istess waqt, it-Tlieta wkoll, irnexxa bil-kbir l-esperiment tat-tiġrijiet tradizzjonali tal-bhejjem fi Triq ir-Repubblika, li wara li diġà fis-snin l-imgħoddija ġie mħarrek mill-Ħadd għas-Sibt tal-festa, minn din is-sena beda jsir it-Tlieta filgħaxija. It-Tiġrija kienet miżgħuda bin-nies u kulħadd ħareġ sodisfatt bil-mod kif ġiet organizzata.

Il-jiem tat-Tridu huma jiem intensi ħafna fil-kalendarju festiv. F'San Ġorġ, b'xorti tajba, żammew l-istil tradizzjonali tagħhom. Jiġu nies minn kullimkien biex jitgħaxxqu bis-sbuħija tal-mużika u l-kant li jżejnu dawn il-ġranet. Wara l-kant solenni




ta' l-Għasar u l-priedka tat-Tridu, indaqq bħas-soltu l-innu grandjuż *Georgi miles inclite* tal-Mons. Giuseppe Farrugia, u warajh l-antifona *Beatus Georgius* u l-barka Ewkaristika mmexxija minn saċerdoti tagħna li huma kappillani f'parroċċi oħra. Dawn l-eżekuzzjonijiet din is-sena kellhom żieda kwalitattiva fil-leħen "ġdid" tat-tenur Sqalli Antonino Interisano. Il-jum tat-Tridu kien ikompli dejjem l-għodwa ta' wara, b'konċelebrazzjoni solenni fil-bażilika wkoll. Il-priedki din is-sena saru mis-saċerdot Ġorġjan Geoffrey G. Attard, li attwalment jinsab l-Iskozja jistudja u jwettaq ħidma pastorali. Kull Ġorġjan preżenti fil-bażilika u dawk imwaħħlin mas-settijiet tar-radju jew l-internet, bilfors li ħassewha t-taħbita ta' qalb Ġorġjana ħierġa mal-kliem tal-predikatur. Nieħdu spunt hawn biex nagħrfu d-dedikazzjoni tal-kollegi kollha tar-radju komunitarju *Leħen il-Belt Victoria*, li żammew lis-semmiegħa kollha – u lill-emigranti permezz ta' l-istrimjar fuq l-internet – aġġornattissmi fuq l-andament tal-festa. Magħhom inżidu l-istaff tal-websajt parrokkjali *www.stgeorge.org.mt*, speċjalment l-arċipriet li hu l-moħħ warajha u l-magna li tħaddimha, li tat rapporti esklussivi tal-festa kollha.

Il-jiem tat-Tridu u l-aħħar jumejn kienu kkaratterizzati wkoll minn festi kbar barra, b'marċijiet li raw għaxar baned mistiedna Għawdxin u Maltin jersqu lejn il-belt tal-gżira biex ikabbru l-festi f'ġieħ il-patrun ta' Għawdex. Il-marċi kollha kienu jirriflettu briju xieraq u denn ta' festa dinjituża, b'ferħ li jedifika u mhux ikisser. Fost it-tliet marċi, dak tal-Ġimgħa hu l-iktar wieħed prestiġjuż, għax idawwar mat-toroq ta' beltna f'dimostrazzjoni grandjuża l-istatwa ta' San Ġorġ "ta' barra", l-ewwel waħda maħduma għall-festi esterni f'Għawdex. Din tittella' fuq pedestall fi Pjazza Indipendenza, minfejn tkompli timraħ b'majestożità fuq il-pjazza prinċipali tal-belt Victoria.

Aktar baned żaruna fl-aħħar jumejn, fejn is-Sibt isir l-akbar marċ li jilħaq il-qofol tiegħu fi Triq ir-Repubblika, b'wirja kbira quddiem it-*Teatru Astra*, is-sede tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, li torganizza – kif jixirqilha – il-festi esterni ta' San Ġorġ, f'kollaborazzjoni sħiħa mal-bażilika Ġorġjana, li magħha dejjem kellha rabta filjali. Fi ħdan din l-ewwel soċjetà mużikali Għawdxija ma taqax biss

il-banda, imma wkoll l-Għaqda ta' l-Armar, li din is-sena kompliet iżżejjen it-toroq tal-belt bl-ifjen tiżjin (insemmu biss il-pavaljuni tad-drapp li sebbħu Triq il-Vajringa), u l-Għaqda tan-Nar li tatna wirjiet sbieħ kemm fl-ajru u kemm fuq l-art.

Il-qniepen sbieħ tal-bażilika sejħu lill-ġemgħa biex is-Sibt filgħodu tiċċelebra għeluq it-Tridu ta' din is-sena b'konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-isqof u dekan emeritu Mons. Nikol Ġ. Cauchi, li fiha l-Kan. Joseph A. Borg fakkar ukoll il-ħamsin sena ta' saċerdozju tiegħu. Dan wara li l-kanonċi George DeBrincat u Giovanni Mercieca kienu diġà fakkru l-anniversarji presbiterali tal-fidda tagħhom fl-1 ta' Lulju, f'konċelebrazzjoni mmexxija mill-arċisqof emeritu Mons. Ġużeppi Mercieca. Fi tmiem il-quddiesa, bħas-soltu, tkanta t-*Te Deum*. Il-ġublew presbiterali tal-fidda tal-Kan. George J. Frendo ġie ċċelebrat f'konċelebrazzjoni mmexxija minnu, ġimgħa qabel jum il-festa.

Fuq il-bjut Ġorġjani l-arbli xiddu l-bandiera tal-festa hekk kif ix-xemx bdiet tbatti mir-raġġi sħan tagħha fuq is-sigħat tas-Sibt. Hekk fetħet is-solennità festiva tal-martri San Ġorġ fil-belt Victoria, festa li l-Knisja tiċċelebra l-liturġija tagħha fit-23 ta' April, imma li għaliha fil-kapitali ta' Għawdex hemm bżonn ta' ġimgħa sħiħa jew iżjed f'Lulju. It-Translazzjoni solenni bir-relikwa tal-qaddis martri ġiet imexxija mill-isqof tad-djoċesi, Mons. Mario Grech, li hu wkoll it-tieni dekan tal-kolleġġjata Ġorġjana. Il-mużika ta' lejlet il-festa wkoll hi waħda unika, fejn għall-ewwel Għasar pontifikali tas-solennità tindaqq u titkanta l-mużika illustri "Tal-Vers", imma nisimgħu wkoll għal darba il-verżjoni li kiteb dan il-ġenju mużikali għall-antifona ta' San Pier Damiani, anki jekk l-arranġament ta' l-antifona ta' Fiammingo huwa tiegħu wkoll.

Forsi l-aktar xogħol mużikali li jiġbed ammiraturi fil-jiem tal-festa ta' San Ġorġ hu l-quddiesa tal-Prof. Joseph Vella, *maestro di cappella* tal-bażilika, *Mass in D Major in honour of St George "Princeps Martyrum"*, li tindaqq kull sena waqt il-pontifikal solenni ta' jum il-festa. Kif għamel ukoll fil-ġranet l-oħrajn, il-kor *Laudate Pueri* ta eżekuzzjoni impekkabbli ta' din il-kompożizzjoni ċelebri ta' Vella. L-isqof Grech, fl-omelija, tkellem fuq it-tema ta' l-eskatoloġija, waqt li silet żewġ dimensjonijiet importanti mid-dokument konċiljari *Gaudium et Spes* li hu interpreta r-rilevanza tagħhom fid-dawl tal-misteru ta' San Ġorġ. Qabel il-pontifikal, Mons. Grech bierek ukoll it-tabernaklu ġdid tal-fidda, kopja fid-disinn tiegħu (Joseph Sagona) tal-pissidi antik – xhieda bikrija tat-twemmin Kristjan fil-qalb tal-komunità Għawdxija – li kien instab fil-faċċata l-qadima tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Dan it-tabernaklu, li issa jinsab mill-ġdid Malta, fejn inħadem, għal iktar elaborar fuqu, u li wasal proprju waqt li fil-bażilika kien qed jiġi ċċelebrat l-ewwel Għasar, sa jkun iżejjen il-kappella Biżantina li issa tinsab fl-aħħar fażi tagħha. Fi tmiem il-pontifikal, imbagħad, l-arċipriet żied jifraħ



*Il-banda La Stella tibda l-marċ minn Pjazza San Franġisk bl-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel*

lis-saċerdot tagħna Mons. Alfred Xuereb, li, b'ġieħ għall-parroċċa ta' San Ġorġ, għall-Knisja Għawdxija u għalih, kien għadu kemm tħabbar li ntagħżel bħala assistent segretarju tal-Q.T. Benedittu XVI.

Il-festi ta' barra komplew b'iktar marċijiet, fosthom dak popolari "tal-Ħdax", imma l-waqt l-aktar solenni wasal filgħaxija, hekk kif wara li tkantaw it-Tieni Vespri, il-pjazza żgħira ta' San Ġorġ – pjazza ċentrali li żgur jistħoqqilha iktar attenzjoni mill-awtoritajiet lokali – inħanqet bin-nies jistennew li tixref 'il barra mill-bieb tal-bronż l-istatwa ta' San Ġorġ, li ma nżidilhiex aġġettivi għax inkun nirriskja li nnaqqsilha... Kien fost it-tixjir tal-palm u l-kant tal-*Gloria* ta' l-innu l-kbir *A San Giorgio martire* tal-Giardini Vella li, mat-tokk ħelu tal-*Ġorġa*, l-istatwa ntrefgħet 'il fuq fost il-ferħ ta' tant Ġorġjani, anki Qriema li ġew jiċċelebraw magħna, u ta' eluf ta' Maltin u Għawdxin li ġew jifirħu f'din "il-festa l-aktar popolari tal-gżira", kif issejħet sa mill-antik. San Ġorġ ħareġ idur mat-toroq tal-belt li tant tħobbu u żżommu bħala ħarries u patrun tagħha. Għalhekk wieħed jifhem li kien bi ftit diqa, imma b'ħafna sodisfazzjon u ferħ fil-qalb, li ġemgħa xejn inqas kbira sellmitlu huwa u dieħel lura fit-tempju tiegħu, benniena taċ-ċiviltà u l-fidi fi gżiritna, li żżomm lill-qaddis ta' Lidda bi protettur setgħan tagħha. Kif hu xieraq, il-festa ntemmet b'tislima lil Ġesù waqt il-barka Ewkaristika mmexxija mill-arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia, li wieħed ma jistax ma jarax l-id u l-ħsieb dinamiku tiegħu fl-attività kollha tal-festa. Miegħu hemm ħafna oħrajn li jaħdmu qatigħ wara s-siparju tal-festa biex din tkun suċċess.

Il-kliem li ma ġiex f'ħalqi biex ifisser kulma hi għalina l-festa ta' San Ġorġ, bi stagħġib għalija sabuħuli dawk li żaruna, fosthom il-mistiedna residenti fid-dar parrokkjali l-ġdida, li b'dan il-mod minnha diġà beda jsir użu li jħalli l-frott, meta qaluli kemm ħassewhom milqugħa u kif fil-festa ta' San Ġorġ sabu ispirazzjoni li tappella kemm għall-moħħ u kemm għall-qalb... għax tabilħaqq tanima r-ruħ tal-poplu Għawdxi u ta' dawk li miegħu jingħaqdu biex jiċċelebraw lil San Ġorġ.

# MID-DJARJU TAL-PARROĊĊA



























**1** L-istatwa ta' San Ġorġ tinġarr hekk kif toħroġ min-niċċa tagħha, fost l-entużjażmu tan-nies preżenti.

**2** Il-maestro di cappella l-Prof. Joseph Vella jmexxi l-mużika tat-Tridu.

**3** L-istatwa ta' San Ġorġ taż-żiemel tittella' fuq il-pedestall imħejji apposta, waqt li l-banda La Stella ddoqq l-innu popolari Lill-kbir martri San Ġorġ.

**4** Il-Briju wat il-Marċ tal-ħdax.

**5** Il-purċissjoni pontifikali għaddejja minn qalb in-nies miġbura fi Pjazza San Ġorġ.

**6** Dun Geoffrey G. Attard iwassal lin-nies preżenti fil-bażilika waħda mit-tliet priedki fil-jiem tat-Tridu.

**7** L-istatwa ta' San Ġorġ titella fuq il-padestal fi Pjazza t-Tokk

**8** Waqt waħda mill-konċelebrazzjonijiet tat-Tridu mqaddes, iċċelebrati fil-bażilika ta' San Ġorġ.

**9** Il-pontifikal solenni mmexxi mill-E.T. Mons. Mario Grech, dekan tal-kolleġġjata.

**10** It-tixjir tal-palm... mument uniku fil-ħruġ tal-purċissjoni ta' San Ġorġ.

**11** L-E.T. Mons. Mario Grech imexxi l-pontifikal solenni.

**12** L-istatwa ta' San Ġorġ titfaċċa fil-bieb tal-bażilika, għan-noti ta' l-innu Georgius natus est.

# Sistema ġdida ta' l-Illuminazzjoni

**Antoine Vassallo** - vasanti@waldonet.net.mt

Inxtegħlet is-sistema l-ġdida tad-dawl tal-Bażilika ta' San Ġorġ, ir-Rabat, waqt ċelebrazzjoni ta' fidi u kultura preseduda mill-Isqof Mario Grech.

Iċ-ċerimonja (li matulha ntużaw erba' lingwi: Malti, Ingliż, Taljan u Latin) bdiet fid-dlam bix-xama' tpetpet u l-Blandun prominenti fuq il-presbiterju. Id-dwal inxtegħlu ftit ftit, f'ċertu seher viżiv. L-attività kienet tagħmel parti mill-*Victoria International Arts Festival* li kull sena jakkumpanja l-festi tat-tielet Ħadd ta' Lulju.

Wara li beda l-kant ta' "Riesaq il-Lejl Mulejja" mill-kor *Laudate Pueri* taħt id-direzzjoni ta' Dun George Frendo, in-Nutur Paul George Pisani poġġa l-okkażjoni f'kuntest storiku. Imbagħad Stefano Dall'Osso (l-inġinier Taljan li tqabbad jiddisinja s-sistema, wara li kien wera ħiltu fil-Konkatidral ta' San Ġwann) spjega l-miri li ried jilħaq: liturġija, kultura u arti. Iktar informazzjoni ngħatat mill-Viċi-President tal-Kunsill Amministrattiv Michael Formosa li ddeskriva l-passi li wasslu għall-finalizzazjoni tal-proġett; enfasizza l-aspett ta' ġbir ta' fondi u l-importanza ta' l-aspett ambjentali.

Imbagħad mill-ġdid il-Kor reġa' beda jkanta . L-udjenza li ppakkjat il-bażilika setgħet tapprezza iktar dan, bl-għajnuna ta' noti miktuba minn Dr Maria Frendo. Id-dwal inxtegħlu kollha waqt li GF Vella xandar kapitlu 60 tal-Profeta Isaija.

Wara dan, Mons Isqof Grech (li hu ukoll Dekan tal-Kapitlu ta' San Ġorġ), mgħejjun mill-vigarju parrokkjali l-Kanonku Felix Tabone, mexxa r-rit tat-tberik; l-kant ta' l-antifona u tal-*Magnificat*, silta mill-Bibbja, talb u t-traxxix bl-ilma mbierek.

Mess imbagħad lill-Arċipriet Mons Ġużeppi Farrugia li rringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom biex dal-proġett jitwettaq. Saħaq li din kienet saret bżonn urġenti minħabba l-attivitajiet li kontinwament kienu qed isiru fil-Knisja Bażilika. Il-funzjoni spiċċat bi tliet innijiet kontemporanji; il-*Iubilate Deo* għalaq kollox b'mod tassew adattat.

Dawk preżenti (li kienu jinkludu lill-President tal-Kamra tar-Rappreżentanti, il-Ministru għal Għawdex, is-Sindku, membri parlamentari u mistiedna distinti oħra) wara kellhom riċeviment fid-Dar Parrokkjali.








*Nifirħu...*

## Ħamsin anniversarju presbiterali



### Kan. Joseph A. Borg

Twieled fis-16 ta' Marzu 1933, fil-belt Victoria, u tgħammed jumejn wara fil-bażilika ta' San Ġorġ. Ħa l-ewwel edukazzjoni fl-iskola primarja tal-gvern, fil-belt Victoria, u fl-1943 daħal is-Seminarju Minuri ta' Għawdex, minfejn fl-1950 daħal fis-Seminarju Maġġuri. Ġie ordnat saċerdot fis-6 ta' April 1957, fil-katidral ta' Għawdex, mill-isqof Mons. Ġużeppi Pace, u ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-bażilika ta' San Ġorġ, fl-14 ta' Lulju.

Beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala viċi-parroku tar-Rabat, fejn dam sa l-1964, u kien ukoll responsabbli mill-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Wara dan ħalla Malta biex jagħmel ħidma pastorali fl-arċidjoċesi Kanadiża ta' Toronto. Fl-1969 daħal fl-armata Kanadiża biex iwettaq il-missjoni speċjali ta' kappillan militari Kattoliku. Hawn qeda dmiru f'bosta bażijiet, fosthom Trenton, Comox, Kingston, Downs-view u Summerside. Għadda wkoll sitt xhur mal-Ġnus Magħquda f'Ċipru. Fl-1979 ġie promoss għall-grad ta' Maġġur fi ħdan l-armata.

Fl-1978 l-isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi ħatru l-ewwel membru onorarju tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ fejn, meta ġie lura Għawdex wara li irtira mis-servizz fl-1988, sar kanonku effettiv fl-1990. Fost ħidmiet oħra pastorali u l-kontribut tiegħu fil-kant liturġiku, kull sena jitla' jwettaq ħidma pastorali f'parroċċa f'Milan.



### Kan. George DeBrincat

Twieled fid-19 ta' Frar 1934, fil-belt Victoria, u tgħammed fil-bażilika ta' San Ġorġ. Beda l-edukazzjoni tiegħu għand is-sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fil-belt Victoria, u mbagħad kompla fl-iskola primarja tal-gvern u fis-Seminarju tal-Qalb Qaddisa ta' Ġesù. Ġie ordnat saċerdot fis-6 ta' April 1957, fil-katidral ta' Għawdex, mill-isqof Mons. Ġużeppi Pace, u ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-bażilika ta' San Ġorġ, fit-12 ta' Mejju.

Wara l-ordinazzjoni tiegħu, ħa f'idejh il-ħidma ta' sagristan maġġuri fil-parroċċa ta' San Ġorġ. F'Awwissu 1962 telaq lejn l-Istati Uniti ta' l-Amerika, fejn kien viċi-parroku f'bosta parroċċi fl-arċidjoċesi ta' Los Angeles, California. Għal bosta snin ħadem fit-tribunal ekkleżjastiku ta' dik id-djoċesi. Wara tmien snin viċi-parroku ta' Our Lady of Lourdes, f'April 1986 sar kappillan ta' dik il-parroċċa, fejn baqa' sas-sena 2000.

Fl-2002 ġie maħtur membru tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ, fejn mill-ewwel reġa' involva ruħu bis-sħiħ fil-ħidma pastorali, l-aktar bl-għajnuna li ta fil-Fratellanza tal-Kurċifiss u oqsma oħra amministrattivi. Ta' kull sena jitla' jgħaddi xi xhur jgħin fil-parroċċa tal-Holy Redeemer, f'Montrose, Los Angeles.



### Kan. Giovanni Mercieca

Twieled fit-22 ta' Diċembru 1932, fil-belt Victoria, u ġie mgħammed fil-bażilika ta' San Ġorġ. Wara li rċieva l-ewwel edukazzjoni f'belt twelidu, mill-1952 sa l-1957 għamel l-istudji tat-teoloġija f'Ruma, minfejn ġab il-baċellerat. Ġie ordnat saċerdot fl-20 ta' Jannar 1957, u ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-bażilika ta' San Ġorġ, fis-17 ta' Frar.

Barra li wettaq il-ministeru ta' direttur spiritwali fl-iskejjel primarji u sekondarji tal-gvern, hu kien membru ta' diversi għaqdiet u kummissjonijiet fi ħdan id-djoċesi, fosthom il-Kummissjoni Kateketika ta' Għawdex.

Hu kien wieħed mill-ewwel membri tal-kolleġġjata li l-isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi waqqaf fil-bażilika ta' San Ġorġ fl-1976. Jiġi ħu l-arċisqof emeritu ta' Malta Mons. Ġużeppi Mercieca.

## Ħamsa u għoxrin anniversarju presbiterali

# Kan. George J. Frendo



Twieled fit-13 ta' Diċembru 1958, u ġie mgħammed fil-bażilika ta' San Ġorġ minn zijuh il-patri Bonaventura M. Camilleri OFMConv. Wara li ħa l-edukazzjoni primarja fl-iskola *Sir Arturo Mercieca* u dik sekondarja fil-liċew *Ninu Cremona*, fl-1974 daħal fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex. Is-sena intermedjarja għamilha fl-*Istituto Massimo*, tal-patrijiet Ġiżwiti, fl-EUR ta' Ruma. Ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Ġunju 1982, mill-isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi, fil-katidral ta' Għawdex, u mbagħad iċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-bażilika ta' San Ġorġ, fil-11 ta' Lulju.

Mar ikompli l-istudji tiegħu tal-liċenzjat fl-*Accademia Alfonsiana* ta' Ruma, fejn kellu esperjenza pastorali fil-parroċċa tan-Natività di Nostro Signore Gesù Cristo. Lura f'Għawdex, għallem l-Ingliż u r-Reliġjon fis-Seminarju Minuri, u issa r-Reliġjon fl-iskola sekondarja *G.P.F. Agius de Soldanis* u t-Teoloġija Morali fis-Seminarju Maġġuri. Iwettaq ħidma pastorali fl-Azzjoni Kattolika u l-Leġjun ta' Marija fir-Rabat. Hu involut ħafna fil-qasam mużikali u jgħallem il-vjolin fil-*Gozo School of Music*. Fl-1975 għen biex jitwaqqaf il-kor *Laudate Pueri*, li stabbilixxa isem mill-aqwa fix-xena mużikali lokali u internazzjonali, u llum hu direttur tiegħu. Kien ukoll fundatur tal-*Victoria International Arts Festival* fl-1997, flimkien ma' oħtu Dr Maria Frendo u l-Prof. Mro Joseph Vella. Fil-bażilika ta' San Ġorġ hu wkoll *maestro di cappella*.

L-isqof Mons. Mario Grech ħatru kanonku onorarju tal-kolleġġjata ta' San Ġorġ f'Lulju 2007. Hu predikatur imfittex, u fl-aħħar xhur ġie elett membru tal-kulleġġ presbiterali fi ħdan id-djoċesi ta' Għawdex.

## Ħatra bħala assistent segretarju personali tal-Q.T. Benedittu XVI

# Mons. Alfred Xuereb



Twieled fl-14 ta' Ottubru 1958, fil-belt Victoria, fejn ġie mgħammed fil-bażilika ta' San Ġorġ. Ġie ordnat saċerdot fis-26 ta' Mejju 1984, mill-isqof Mons. Nikol Ġ. Cauchi, u ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fil-bażilika ta' San Ġorġ, fil-jiem tal-festa ta' dik is-sena.

Bejn l-1984 u l-1989 għamel l-istudji tiegħu fit-Teoloġija Spiritwali fl-Istitut Pontifiċju *Teresianum*, fejn kiseb il-liċenzjat u d-dottorat. Fl-istess żmien wettaq servizz pastorali fil-parroċċa tan-Natività di Nostro Signore Gesù Cristo u f'parroċċa oħra f'Ruma, sakemm fl-1991 inħatar segretarju personali tar-Rettur ta' l-Università Pontifiċja tal-Lateran. Fl-1995 ġie msejjaħ għal uffiċċju ogħla fis-Segreterija ta' l-Istat tal-Vatikan. Fis-sena 2000, wara li kien diġà ngħata bosta karigi għoljin fil-Vatikan u l-ġieħ ta' *Cappellano di Sua Santità*, u ntbagħat fuq missjonijiet speċjali fin-Nunzjatura Kanadiża ta' Ottawa, hu ġie msejjaħ fil-*Prefettura della Casa Pontificia*, fejn jiġu mħejjija d-djarju pastorali u l-udjenzi personali u ġenerali tal-papa. Hawn fl-2003 ġie mlaħħaq *Prelato della Anticamera Pontificia* u *Prelato "ad honorem" di Sua Santità*. Ma setax jonqos ukoll li jingħata d-dinjità ta' membru onorarju tal-kolleġġjata Ġorġjana. Huwa wkoll kappillan ta' l-*Associazione Ss Pietro e Paolo*, li twettaq bosta ħidma volontarja.

Wara li l-papa Benedittu XVI ħatar lil Mons. Mieczyslaw Mokrzycki isqof koadjutur ta' l-arċidjoċesi ta' Lviv, fl-Ukrajna, il-post vakanti ta' assistent segretarju personali mtela bil-ħatra ta' Mons. Xuereb, li issa jkun jgħin lil Mons. Georg Ganswein, segretarju personali tal-papa. Is-segretarji personali jgħixu fil-Palazz Appostoliku flimkien mal-papa u jingħaqdu miegħu kuljum fiċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija u l-ikliet tiegħu, u waqt iż-żjajjar appostoliċi barra mill-Italja.

# Rokna għat-Tfal

Għeżież tfal,
Nittama li tinsabu tajbin. Tajbin żgur, tgħiduli, għax ninsabu fil-vaganzi. Min ma jeħux gost bil-vaganzi! Dawn jiġu biex niddevertu u nistrieħu. Ċert li ddevertejtu kemm flaħtu fil-festa ta' San Ġorġ u fadlilkom iktar festi fejn tistgħu tiddevertu. Ċert ukoll li ħafna minnkom qed issibu ħin tmorru wkoll il-baħar. Dan jiffriskak u jagħtik is-saħħa. Oqogħdu attenti biss minn dak l-imbierek bram. Ħadd ma jieħu gost jinżel jgħum u jitla' b'xi marka ħamra fuq xi parti ta' ġismu. Allura oqogħdu attenti u tinżlux fl-ilma jekk tisimgħu li hemm il-bram għax dan jista' jkun ukoll perikoluż.

Veru li l-vaganzi sbieħ u kulħadd jixtieqhom iżda agħmlu użu tajjeb minnhom. Għax vaganzi ma jfissirx li titlef il-quddiesa b'kapriċċ; lanqas ifisser li toqgħod ma tagħmel xejn meta tista' tiddedika xi ftit ħin għall-qari tajjeb bil-Malti u bl-Ingliż. Forsi hemm xi wħud minnkom li għandhom xi 're-sits'! Waħħlu moħħkom hemm ħalli ġġibuha żewġ mill-ewwel. Ħafna drabi l-eżamijiet huma xorti wkoll u mhux bilfors ikollkom tort mija fil-mija li ma tirnexxux mill-ewwel. Kuraġġ. Taqtgħux qalbkom. "Do your best and God will do the rest!" Imma l-parti tagħkom tridu tagħmluha.

Mill-bqija, nixteqilkom tkomplu tgawdu s-sajf. Tinsewx li bejn nofsinhar u t-tlieta x-xemx ma tagħmel ġid lil ħadd u allura skansawha matul dan il-ħin. Hemm ħin biex tiġru, tgħumu u tiddevertu. Id-dar araw li tagħtu daqqa t'id ukoll fejn tistgħu ladarba fil-mument m'intomx mgħobbijin ħafna bl-istudju. Tbissmu dejjem u aħarbu l-ħażin jekk tridu tgħixu kuntenti. Ciao

## Kompetizzjoni:

Għiduli ftit fejn insibu mafkar lill-Poeta Ġorġ Pisani; mafkar jew tifkira lill-poetessa Mary Mejlak u bust jew mafkar lil Lawrent Ropa.

Ktieb sabiħ bil-Malti ġentilment mogħti mill-KKM jitla' bix-xorti fost dawk li jwieġbu tajjeb. Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom lil: Uffiċċju Parrokkjali, Triq il-Karità, Victoria Għawdex jew e-mail fuq ilbeltvictoria@yahoo.com sa mhux aktar tard mill-1 t'Ottubru.

*Iz-Ziju Joe*

# Qaddisin "Ġorġjani" (10)

*Kitbu dwar il-Patrun tagħna, kienu devoti tiegħu jew b'xi konnessjoni ma' dan it-Tempju ddedikat lilu*

**Antoine Vassallo** - *vasanti@waldonet.net.mt*

## Sant'Erminoldu

*(tifkira liturġika fis-6 ta' Jannar)*

Għadu tifel, mir-reġjun Ġermaniż tas-Swabja ntbagħat il-monasteru ta' Hirschau f'Wurzburg biex jitgħallem. Kompla sa meta pprofessa bħala Benedittin hemmhekk. Fl-1110 inħatar abbati ta' Lorsch; iżda malajr irriżenja għax ġieh dubju li kienu xtrawlu l-pożizzjoni. Fl-1117 ntgħażel - b'mod ċar - abbati fil-monasteru ta' Prufening (fit-tarf tal-belt ta' Regensburg) li kien għadu kemm twaqqaf bħala abbazija Benedittina mill-isqof Otto ta' Bamberg. Il-knisja, ddedikata lil San Ġorġ, kienet l-ewwel bażilika mibnija - bil-kappelluni -skond l-istil Romanesk ta' l-iskola Bavariża ta' Hirsau.

L-imħabba qawwija għall-foqra, fi żmien ta' karestija, wasslet lil Erminoldu jbattal kull ma kellhom maħżun fil-monasteru u jqassmu; saħansitra lanqas kien fadal xejn għall-patrijiet stess! L-abbati ħeġġiġhom jitolbu 'l Alla biex jgħinhom - "bl-interċessjoni tal-patrun tagħna San Ġorġ martri". Eżattament l-għada, tfaċċa nobbli sinjur bil-wegħda li se jipprovilhom kull meħtieġ minn ġidu. Erminoldu kien strett miegħu nnifsu u mal-komunitaà sħiħa; tant li xi patrijiet iddejqu minn din id-dixxiplina monastika u bdew igergru. Infatti jingħad li fra minnhom telgħulu u tah daqqa ta' serratizz: laqtu hekk ħażin li deher ma jistax jistejqer. F'ħin l-għasar tal-festa ta' l-Epifanija 1121, Erminoldu qal lil dawk miġbura madwaru: "Għada, x'ħin il-kor ikun ikanta l-Glorja waqt il-Quddiesa solenni, inħalli did-dinja". U hekk seħħ!



San Erminoldu gawda popolarità qawwija fil-medjuevu u ismu kien jissemma anki waqt l-eżorċiżmi. Fl-1283 l-isqof Heinrich ta' Regensburg kkummissjona lil skultur tajjeb (li ismu ntilef u allura fl-istorja ta' l-arti baqa' msejjaħ "ta' Erminoldu") biex jagħmillu monument f'ġieħu fil-knisja - qrib żewġ metri, f'ġebla ramlija. Għalkemm l-abbazija ġiet xolta fl-1803 waqt is-sekolarizzazjoni tal-Bavarja (u waqgħet f'idejn il-prinċpijiet Thurn und Taxis), il-knisja kompliet tintuża sa żmienna u anki l-pittura għadha ppreservata sew. Illum tagħmel parti - bl-istess titlu ta' San Ġorġ - mill-parroċċa ta' Regensburg-Profening.




Il-bażilika ta' San Ġorġ mixgħula bis-sistema l-ġdida ta' illuminazzjoni



NEWSPAPER POST

Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Suppliment - Lulju - Awwissu 2007

Nru 157

# IL-VERITÀ DWAR IL-KUNDANNA TA' L-AWTORITÀ TAX-XANDIR KONTRA RADJU KATIDRAL

Sabiex kulħadd ikun jaf il-verità tajjeb li jintqal li l-Awtorità tax-Xandir b'mod l-aktar ċar ikkundannat lil *Radju Katidral* għall-kliem li ntqal minn Dr Michael Caruana, President tas-Soċjetà *Il Leone*, u mxandar mill-istess stazzjon. Dan joħroġ ċar u inekwivoku mis-sentenza li qed tiġi rrapportata flimkien ma' dan l-istess suppliment. L-Awtorità tax-Xandir ġagħlet lil *Radju Katidral* ixandar apoloġija lil Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Minkejja li l-istess Awtorità tax-Xandir għal darbtejn ordnat lil Mons. Dr Joe Vella Gauci, Arċipriet tal-Katidral, biex ma jħallix li tixxerred il-mibegħda fir-Rabat, Dr Michael Caruana, li barra president tas-Soċjetà *Il Leone* jkopri wkoll il-kariga għolja ta' president fil-*Gozo Business Chamber*, għażel li jikteb fil-pubblikazzjoni *Festa Santa Marija 2007* li l-Awtorità tax-Xandir "wara li xtarret il-fatti kif verament seħħew ... irtirat id-direttiva" għall-apoloġija li talbet minnu (p.83) bħallikieku l-Awtorità kienet sfat imqarrqa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ. B'din il-kitba tiegħu Dr Caruana ta stampa inveritjiera tal-fatti.

Fil-paġna segwenti tal-pubblikazzjoni msemmija (p.84) hemm nota li fost l-oħrajn twassal lill-qarrej biex jikkonkludi li "meritatament" il-kwistjoni ma' l-Awtorità tax-Xandir "intrebħet" mill-Parroċċa tal-Katidral. Hawnhekk ukoll, il-Bord Editorjali tal-pubblikazzjoni *Festa Santa Marija 2007* li fl-"Editorjal" hu rappreżentat minn Dr Jean Paul Grech, qed jagħti stampa inveritjiera tal-fatti.

Il-verità hi li Mons. Ġużeppi Farrugia, f'ittra qasira miktuba lill-Awtorità tax-Xandir kien talab rimedju għal diskors offensiv li Dr Michael Caruana kien qal fil-konfront tiegħu fil-preżenza ta' l-Arċipriet tal-Katidral Mons. Vella Gauci nhar l-Erbgħa 16 t'Awwissu 2006 mill-istudjows ta' *Radju Katidral*. Mons. Farrugia irrikorra għand l-Awtorità tax-Xandir għax l-Arċipriet tal-Katidral ma ndenjax ruħu jwaqqaf jew jikkoreġi lill-President tas-Soċjetà *Il Leone*. L-Arċipriet Vella Gauci naqas li jirrikonoxxi l-jedd ta' tweġiba lill-Arċipriet ta' San Ġorġ anki wara li ntalab li jagħmel dan mill-Awtorità tax-Xandir.

Il-verità hi, ukoll, li wara li l-Awtorità tax-Xandir fit-18 ta' Jannar 2007 ikkundannat lill-Arċipriet tal-Katidral u ġagħlitu jagħmel apoloġija fuq *Radju Katidral*, liema apoloġija xxandret it-Tlieta 30 ta' Jannar, Mons. Farrugia kien iddikjara fuq il-*Bullettin* tal-Parroċċa ta' San Ġorġ tal-Ħadd 4 ta' Frar, li safejn kellu x'jaqsam hu l-kwistjoni kienet issa għaddiet.

Il-verità hi li l-Awtorità tax-Xandir ma kinitx kuntenta bil-mod kif *Radju Katidral* xandar l-apoloġija u, mingħajr ma ntalbet minn Mons. Farrugia u bla ma kkonsultat ruħha miegħu, reġgħet ħarġet stqarrija oħra bil-kliem eżatt li riedet li jingħad minn fuq *Radju Katidral*. Din l-istqarrija ma xxandritx minn *Radju Katidral* u l-Awtorità tax-Xandir sempliċement ma baqgħetx tinsisti li tixxandar mingħajr, imma, ma rtiratha.

Għalhekk mhux veritjier dak li ġie ppubblikat mis-Soċjetà *Il Leone* għax il-fatti huma li l-Awtorità tax-Xandir b'mod l-aktar ċar ikkundannat lil *Radju Katidral* għall-kliem ta' mibegħda li Dr Michael Caruana qal fil-preżenza ta' l-Arċipriet Vella Gauci, u din il-kundanna ma ġietx irtirata.

Ta' min iżid li wara li Mons. Farrugia kien ressaq l-ilment tiegħu ukoll quddiem l-ET Mons. Mario Grech, l-Isqof ta' Għawdex, dan ta' l-aħħar irrefera l-każ quddiem il-Kummissjoni ta' l-Etika tal-Media ta' l-Arċidjoċesi ta' Malta.

Lilna ma jinteressawniex kelmiet ta' "rebħa" jew "kundanna" u, għall-paċi fil-komunità, ma ppubblikajna xejn li seta' jurta anki lil min hu ħati. Imma, kontra qalbna, u b'rispett lejn il-verità, qed ikollna nippubblikaw b'mod kronoloġiku l-fatti kif dokumentati, inkluża l-kundanna mill-Awtorità tax-Xandir kontra *Radju Katidral*.

Bażilika San Ġorġ — St George's Basilica

FESTI CENTINARJI 2003

Chief Executive
Awtorita' tax-Xandir

25 ta' Awwissu 2006

Sinjur,

Ippermettili, jekk jogħġbok, niġbidlek l-attenzjoni għal programm imxandar minn Radju Katidral, Victoria, Għawdex, nhar l-Erbgħa, 16 ta' Awwissu, bejn is-1.00 u s-2.00pm jew madwar.

F'dak il-programm saret riferenza għal rapport ippublikat fil-ġurnal *L-Orizzont* ta' l-Erbgħa, 16 ta' Awwissu 2006. Fil-kuntest tal-kummenti ta' Dr Michael Caruana, President tas-Soċjeta' Leone, u fil-preżenza ta' Mons. Dr Joe Vella Gauci, Arċipriet tal-Katidral u l-bniedem responsabbli mill-imsemmi radju tal-komunita', intqal ripetutament kliem gravament inġurjuż fil-konfront tiegħi, personalment u bħala saċerdot, kif ukoll fil-konfront tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Jiena ktibt lil Radju Katidral biex nitlob ir-rimedji li tistipula l-liġi tal-pajjiż b'ittra datata 17 ta' Awwissu, u reġistrata fl-istess jum. Ta' din l-ittra bgħatt kopja lilek, ukoll bil-posta reġistrata.

Ngħarrfek li sallum, 25 ta' Awwissu, ma rċivejt ebda komunikazzjoni minn Radju Katidral dwar l-oġġezzjoni tiegħi u d-drittijiet li tagħtini l-liġi tal-pajjiż.

Minħabba li dan ta' Radju Katidral hu għemil li fis-snin li għaddew irripeta ruħu kemm-il darba, ġentilment nitlob lill-Awtorita' tax-Xandir biex tindirizza dan il-każ b'urġenza ħalli ma jsirx aktar dannu fil-konfront tas-sottoskritt u tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Nirringrazzjak.

(Mons.) Ġużeppi Farrugia
Arċipriet

Kopja: Radju Katidral, Kurja ta' l-Isqof, Kulleġġ tal-Kappillani.

Parish Office, Victoria, Gozo, Malta / Europe
helpdesk: +356 2155 6377 • fax: +356 2155 6981 • email: info@stgeorge.org.mt • web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

Bażilika San Ġorġ — St George's Basilica

FESTI CENTINARJI 2003

Radju Katidral
Parroċċa tal-Katidral
Victoria,
Għawdex

17 ta' Awwissu 2006

Nirreferi għall-programm imxandar minn Radju Katidral nhar l-Erbgħa, 16 ta' Awwissu, bejn is-1.00 u s-2.00pm jew madwar.

Dan il-programm tmexxa mis-Sur Matthew Sultana u kellu l-forma ta' intervista lil Dr Michael Caruana, president tas-Soċjeta' Leone, u lil Mons. Joe Vella Gauci, arċipriet tal-Katidral.

F'dan il-programm ġiet attakkata l-kredibilita' ta' rapport ippublikat fil-ġurnal *L-Orizzont* ta' l-Erbgħa, 16 ta' Awwissu 2006, u fil-kuntest ta' dan l-attakk intqal ripetutament kliem gravament inġurjuż fil-konfront tiegħi, personalment u bħala saċerdot.

Nesiġi r-rimedji li tistipula l-liġi tal-pajjiż.

(Mons.) Ġużeppi Farrugia
Arċipriet

Kopja: Chief Executive, Awtorita' tax-Xandir.

Parish Office, Victoria, Gozo, Malta / Europe
helpdesk: +356 2155 6377 • fax: +356 2155 6981 • email: info@stgeorge.org.mt • web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

BROADCASTING AUTHORITY L - AWTORITA' TAX - XANDIR
MALTA

Mons Dr Joe Vella Gauci
Radju Katidral
Parochial Office
Cathedral Square
Victoria VCT103
Gozo

28 t'Awissu 2006
Ref 33/99

Għażiż Mons Vella Gauci,

Nagħmel referenza għall-ilment indirizzat lil Radju Katidral datat 17 ta' Awissu 2006 mibgħut minn Mons. Guzeppi Farrugia, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Gorg, Victoria, Għawdex.

Nitolbok biex tibgħatli l-log tape tal-programm imxandar minn Radju Katidral ta' nhar il-Erbgħa, 16 t'Awissu 2006 fi żmien ġimgħa mil-lum.

Inselli għalik,

Dr Kevin Aquilina
Kap Esekuttiv

kopja: Mons Guzeppi Farrugia

7, Mile End Road, Hamrun HMR 02, MALTA
Tel: (+356) 21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855
E-Mail: info@ba-malta.org

BROADCASTING AUTHORITY L - AWTORITA' TAX - XANDIR
MALTA

Mons Dr Joe Vella Gauci
Arcipriet
Parochial Office
Cathedral Church
Cittadella
Gozo

15 ta' Settembru 2006
Ref 33/99

Għażiż Mons. Dr Vella Gauci,

Nagħmel referenza għall-ilment tal-25 t'Awissu 2006 ta' Mons. Guzeppi Farrugia.

Peress li sal-lum għadni ma rċevejt l-ebda kopja tar-risposta ta' Radju Katidral għal dak l-ilment qed nitolbok tinfurmani jekk Radju Katidral tax rimedju għalih u, fin-nuqqas, meta dan ir-rimedju jekk se jingħata se jixxandar.

Inselli għalik,

Dr Kevin Aquilina
Kap Esekuttiv

kopja: Mons Guzeppi Farrugia, St George's Basilica, Parish Office, Victoria, Gozo

7, Mile End Road, Hamrun HMR 02, MALTA
Tel: (+356) 21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855
E-Mail: info@ba-malta.org

Bażilika San Ġorġ — St George's Basilica

FESTI CENTENARJI 2003

Dr Kevin Aquilina
Kap Eżekuttiv
L-Awtorita' tax-Xandir
Malta

9 ta' Diċembru 2006

Għażiż Dr Aquilina,

Nikkonferma l-ittra tiegħi tal-25 t'Awwissu 2006 fejn ilmentajt li Radju Katidral xandar kliem inġurjuż u malafamanti fil-konfront tiegħi. Għalkemm din hi l-ewwel darba li qed nesprimi l-oġġezzjoni tiegħi, jiena nfurmat li din ma kinitx l-ewwel darba li Radju Katidral xandar diskors malafamanti u xewwiexi fil-konfront ta' persuni u tal-kollettivita'.

Nitlob li l-Awtorita' tax-Xandir tipproċedi biex dan il-ksur tar-regolamenti tagħha u tal-konvivenza ċivili ma jissoktax.

Skond ma tlabtni qed nibgħatlek kopja tal-*press release* kif mibgħutha lill-media u kopji tar-rosanza li kellha fil-gurnali.

Nirringrazzjak u nselli għalik.

Mons. Ġużeppi Farrugia
Arċipriet

Parish Office, Victoria, Gozo, Malta / Europe
helpdesk: +356 2155 6377 • fax: +356 2155 6981 • email: info@stgeorge.org.mt • web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM

BROADCASTING AUTHORITY — L-AWTORITA' TAX-XANDIR
MALTA

Mons Guzeppi Farrugia
St George's Basilica
Parish Office
Victoria
Gozo

9 t'Ottubru 2006

Għażiż Mons. Farrugia,

**Ilment dwar Radju Katidral**

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek tal-25 t'Awissu 2006 dwar programm li xxandar fuq Radju Katidral fis-16 t'Awissu 2006.

Peress li jirriżultali li Radju Katidral mhux qed jaqbel ma' l-ilment tiegħek, qed nibgħatlek *transcript* tal-parti tal-programm fejn tissemma inti kif ukoll ittra ta' Dr Jean Paul Grech LL.D. datata 5 t'Ottubru 2006.

F'każ li inti trid tressaq il-każ tiegħek quddiem l-Awtorita' nitolbok biex tinfurmani b'dan ħalli l-Awtorita' tkun tista' tagħtik appuntament.

Nitolbok ukoll tibgħatli kopja ta' l-istqarrija li inti ħriġt u li tissemma' fl-ittra ta' Dr Jean Paul Grech peress li m'għandix kopja tagħha.

Inselli għalik,

Dr Kevin Aquilina
Kap Esekuttiv

7, Mile End Road, Hamrun HMR 02, MALTA
Tel: (+356) 21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855
E-Mail: info@ba-malta.org

BROADCASTING AUTHORITY L - AWTORITA' TAX - XANDIR MALTA

Mons Guzeppi Farrugia
Arcipriet
St George's Basilica
Parish Office
Victoria
Gozo

18 ta' Diċembru 2006
Ref 33/99

Għażiż Mons. Farrugia,

**Ilment dwar Radju Katidral**

Nagħmel referenza għall-ittra tiegħek tad-9 ta' Diċembru 2006 dwar l-ilment tiegħek fil-konfront ta' Radju Katidral.

Ninfurmak illi dan l-ilment se jinstema' mill-Awtorita' fis-seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Jannar 2007 fis-2.30p.m. Is-seduta se tinstema' fl-uffiċju ta' l-Awtorita'.

Filwaqt li nitolbok tattendi għal din is-seduta biex tressaq il-każ tiegħek, nieħu din l-opportunita' biex nibgħat inselli għalik u nawguralek Milied hieni u sena mimlija risq.

Inselli għalik,

Dr Kevin Aquilina
Kap Esekuttiv

7, Mile End Road, Hamrun HMR 02, MALTA
Tel: (+356) 21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855
E-Mail: info@ba-malta.org

BROADCASTING AUTHORITY L - AWTORITA' TAX - XANDIR MALTA

Mons Dr Joe Vella Gauci
Parochial Office
Cathedral Church
Cittadella
Gozo

18 ta' Jannar 2007
Ref 33/99

Għażiż Mons Dr Vella Gauci,

**Ilment ta' l-Arċipriet Mons Guzeppi Farrugia dwar *Radju Katidral***

L-Awtorita' kellha quddiemha lment mingħand l-Arċipriet tal-Parroċċa tal-Belt Victoria, Mons. Guzeppi Farrugia, fil-konfront ta' programm li xxandar fis-16 t'Awissu 2006 fuq l-istazzjon tal-komunita' *Radju Katidral*. L-Arċipriet Mons. Guzeppi Farrugia ħassu aggravat bi kliem li ntqal minn Dr Michael Caruana waqt dan il-programm fil-konfront tiegħu.

L-Awtorita' kellha l-opportunita' li tisma' kemm lill-Arċipriet Mons Ġuzeppi Farrugia u lill-Avukat tiegħu Dr Joseph Grech kif ukoll lil Arċipriet Mons. Dr Joe Vella Gauci għar-Radju *Katidral* u lill-Avukat tiegħu, Dr Alfred Grech, kif ukoll li rat il-korrispondenza relattiva.

Kostatazzjonijiet

1. L-Awtorita' tixtieq tikkonstata illi hija mhux qorti u għalhekk mhix f'pożizzjoni li tarbitra jekk il-kliem li ntqal minn Dr Michael Caruana fil-konfront ta' Arċipriet Mons. Gużeppi Farrugia huwiex inġurjuż jew malafamanti. L-Awtorita' tinnota illi l-organu kompetenti ta' l-istat Malti li jista' jistħarreġ dan l-aspett huwa dak ġudizzjarju u li għalhekk mhux il-kompitu ta' l-Awtorita' li tinvestiga ulterjorment dan l-aspett.
2. Il-ġurisdizzjoni ta' l-Awtorita' f'dan l-ilment tidderiva minn dan li ġej:

7, Mile End Road, Hamrun HMR 02, MALTA
Tel: (+356) 21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855
E-Mail: info@ba-malta.org

a) l-artikolu 21A ta' l-Att dwar ix-Xandir li jistabilixxi proċedura ta' ilment dwar programmi radjufoniċi u televiżivi;
b) l-artikolu 34 ta' l-istess Att li jippermetti l-Awtorita' tinvestiga ilmenti ta' persuni dwar nuqqas ta' trattament ġust jew ekwu f'programmi televiżivi u radjufoniċi;
c) il-Kodiċi ta' l-Investigazzjoni u d-Determinazzjoni ta' l-Ilmenti; u
d) il-kundizzjonijiet tal-liċenzja mposti f'dik il-liċenzja.

3. Mhux il-kompitu ta' l-Awtorita' li tinvestiga jekk il-fatti li dwarhom tkellem Dr Michael Caruana fil-konfront ta' l-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia huwiex veru jew le. Dan il-kompitu ukoll hu vestit fil-qrati ordinarji.

4. Il-kliem li xxandar waqt il-fuq imsemmi programm radjufoniku kien fis-sens li persuna – kienet min kienet – kienet giddieba, tgħid affarijiet inveritjiri, diżonesti, inġusti u tħammeġ lil ħaddieħor b'dak li tikteb.

Wara li l-Awtorita' kkunsidrat dawn il-kliem t'hawn fuq – mingħajr ma tidħol fil-mertu jekk humiex malafamanti jew inġurjużi jew le, jew jekk humiex inveritjiri jew le - l-Awtorita' hija tal-fehma li l-istazzjon *Radju Katidral* kien legalment obbligat, skond il-liġi u l-kundizzjonijiet tal-liċenzja, li jew iwaqqaf lil Dr Michael Caruana milli jkompli jlissen dawk il-kliem li ċertament mhumiex addattati fuq stazzjon tar-radju u aktar u aktar fuq radju reliġjuż, jew inkella li juża s-sistema tad-*delay mechanism* ħalli dak il-kliem ma jixxandarx. Dan kien id-dmir legali ta' l-istazzjon f'dak il-każ partikolari. Terġa' skond il-kundizzjonijiet tal-liċenzja ta' *Radju Katidral*, hemm kundizzjoni fis-sens li radju m'għandux jintuża biex ixerred il-mibgħeda fil-komunita'. Sfortunatament, il-kliem li ntuża minn Dr Michael Caruana fil-konfront ta' persuna oħra fl-istess komunita' ftit li xejn għen biex iġib il-fratellanza bejn il-membri ta' l-istess komunita'. Għall-kuntrarju, l-Awtorita' hi tal-fehma li tali kliem ma kienx xieraq, mhux addattat jixxandar fuq il-mezzi tax-xandir u kien qiegħed jagħmel dak li l-liċenzja ma tridx li jsir u ċjoe' ixerred il-mibgħeda b'mod settarju fost il-komunita' li għaliha huwa dirett.

In vista ta' dan kollu, l-Awtorita' hija tal-fehma illi t-trattament li ngħata l-Arċipriet Mons Ġużeppi Farrugia la kien ġust u lanqas ekwu u li *Radju Katidral* kellu jintervjeni preventivament biex la tinkiser il-liġi, la tiġi vjolata

kundizzjoni tal-liċenzja u lanqas tinxtered il-mibgħeda fost is-semmiegħa ta' *Radju Katidral*.

L-Awtorita' għalhekk qed tagħi direttiva lil *Radju Katidral* sabiex nhar it-Tlieta, 30 ta' Jannar 2007 f'nofsinhar ixandar dikjarazzjoni fejn jiddisassoċja ruħu totalment mill-kliem mhux xieraq li ntqal minn Dr Michael Caruana fil-konfront ta' l-Arċipriet Mons. Għużeppi Farrugia waqt il-programm li xxandar fis-16 t'Awissu 2006 fuq *Radju Katidral*, illi l-istazzjon jiddispjaċih għal dak li intqal fil-konfront ta' l-Arċipriet Mons. Għużeppi Farrugia minn Dr Michael Caruana, u li konformament mal-liġi u mal-kundizzjonijiet tal-liċenzja ta' xandir, *Radju Katidral* kien qed jintrabat li ma jxandar l-ebda kontenut li b'xi mod jista' jxerred il-mibgħeda fost is-semmiegħa. L-Awtorita' qed tordna wkoll li l-*log tape* ta' din id-dikjarazzjoni radjufonika għandu jintbagħat lill-Awtorita' fi żmien jumejn mid-data tax-xandira.

Inselli għalik,

Edgar Cassar
Segretarju tal-Bord

kopja: Arċipriet Mons. Guzeppi Farrugia




Parish magazine *Il-Belt Victoria* just issued. - Tourists Parish Radio Weekly Bullettin Guest Book Con

## Il-Kelma ta' l-Arċipriet

### *Ad multos annos*, Monsinjur Mercieca

Malta kollha qaltlu "grazzi" lil Mons Ġużeppi Mercieca fi tmiem il-mandat tiegħu bħala me: spirituali ta' l-arċidjoċesi ta' Malta. Jiena, f'isem il-Parroċċa ta' San Ġorġ, nixtieq ningħaqad ħutna l-Kattoliċi Maltin fil-ħajr rikonoxxenti tagħhom. Dan irrid nagħmlu mhux biss għax se mill-ġid li l-Arċisqof Mercieca għamel lill-Knisja f'Malta ibbenefikajna minnu wkoll a l-Għawdxin – u għalhekk ħaqqu espressioni solenni ta' ħajr anki minn Għawdex! – imma w għax Mons. Mercieca, bħala qassis minn San Ġorġ, kien ta' ġieħ kbir għall-Parroċċa tag għall-kleru tagħha u għall-ulied spiritwali kollha tagħha. Kien, għadu u jibqa' onorat minna!

### Apoloġija li naċċetta bil-qalb

Bid-deċiżjoni li l-*Malta Broadcasting Authority* hadet b'mod inekwivoku u fi żmien relattivan qasir dwar l-ilment li sarilha f'Awwissu, hija għamlet dak li sa issa għadha qatt ma rnexxi tagħmel id-djoċesi tagħna, jiġifieri, li titlob kont minn Radju Katidral u li twissieh biex jxandarx sentimenti ta' mibgħeda ġor-Rabat. Fuq direttiva ta' l-Awtorità tax-Xandir, nhar it-Tl li għadda, Radju Katidral għamel apoloġija li jiena naċċetta, bit-tama li din il-paġna se fl-istorja tax-xandir reliġjuż fostna tinqaleb għal waħda li turi aktar ċiviltà, tolleranza, rispett il-bniedem u kollaborazzjoni pastorali. Issa li għadda, għadda.

**BROADCASTING AUTHORITY** **L - AWTORITA' TAX - XANDIR**

**MALTA**

Mons Dr Joe Vella Gauci
Parochial Office
Cathedral Church
Cittadella
Gozo

8 ta' Frar 2007
Ref 33/99

Għażiż Mons Dr Vella Gauci,

**Ilment ta' l-Arċipriet Mons. Guzeppi Farrugia dwar Radju Katidral**

Nagħmel referenza għad-deċiżjoni ta' l-Awtorita' datata 18 ta' Jannar 2007 dwar l-ilment ta' l-Arċipriet Mons Guzeppi Farrugia dwar Radju Katidral.

Skond dik id-deċiżjoni Radju Katidral kellu jibgħat il-*log tape* tad-dikjarazzjoni radjufonika li kellha sir fit-30 ta' Jannar 2007 fi żmien jumejn mid-data tax-xandira.

Peress li sal-lum dawn il-*log tapes* għadhom ma waslux għand l-Awtorita', inti mitlub li tibgħathom minnufih biex ma jkunx hemm il-ħtieġa ta' proċeduri ulterjuri.

Inselli għalik,

Edgar Cassar
Segretarju tal-Bord

kopja: Arċipriet Mons Guzeppi Farrugia

7, Mile End Road, Hamrun HMR 02, MALTA Tel: (+356) 21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855
E-Mail: info@ba-malta.org

**BROADCASTING AUTHORITY** **L - AWTORITA' TAX - XANDIR**

**MALTA**

Mons Dr Joe Vella Gauci
Parochial Office
Cathedral Church
Cittadella
Gozo

14 ta' Frar 2007
Ref 33/99

Għażiż Mons Dr Vella Gauci,

Nagħmel referenza għall-*compact disk* li bgħattli u li fiha stqarrija ta' Radju Katidral li taqra kif ġej:

*Din hija stqarrija ordnata mill-Awtorita' tax-Xandir ta' nhar it-18 ta' Jannar 2007. Dan l-istazzjon jiddispjaċih għal dak li ntqal fil-konfront ta' l-Arċipriet Mons Gużeppi Farrugia minn Dr Michael Caruana fil-programm li xxandar nhar is-16 t'Awissu 2006 minn fuq dan l-istazzjon.*

Ninfurmak illi din id-dikjarazzjoni mhux konformi ma' dak li talbitek taqra l-Awtorita' fid-deċiżjoni tagħha tat-18 ta' Jannar 2007. F'dik l-ittra, eżattament fl-aħħar paragrafu tagħha, hemm it-test ta' dak li kellu jinqara minn Radju Katidral. Ma jirriżultax mill-istqarrija li inti bgħatt li dak li talbitek l-Awtorita' biex jinqara fil-fatt inqara fit-totalita' tiegħu. Terġa' l-Awtorita' talbet il-*log tape* oriġinali li fih din id-dikjarazzjoni. Dan sabiex hija tkun tista' tivverifika li din l-istqarrija nqrat.

Għalhekk, l-Awtorita' qed tagħti direttiva lil Radju Katidral, skond l-artikolu 15 ta' l-Att dwar ix-Xandir, biex tinqara din id-dikjarazzjoni kollha t'hawn taħt nhar it-Tnejn 26 ta' Frar 2007 f'nofsinhar u wara li tinqara din l-istqarrija fit-totalita' tagħha jintbagħat il-*log tape* li għandu jinkludi kemm id-dikjarazzjoni kif ukoll il-programmi li xxandru qabilha u warajha. Il-*log tape* għandu jkun l-oriġinali u mhux kopja u għandu jasal għand l-Awtorita' fi żmien jumejn mid-data tax-xandira.

7, Mile End Road, Hamrun HMR 02, MALTA

Tel: (+356) 21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855
E-Mail: info@ba-malta.org

Dikjarazzjoni

**_Radju Katidral_ jiddisassoċja ruħu totalment mill-kliem mhux xieraq li ntqal minn Dr Michael Caruana fil-konfront ta' l-Arċipriet Monsinjur Gużeppi Farrugia waqt il-programm li xxandar fis-16 t'Awissu 2006 fuq _Radju Katidral._ Dan l-istazzjon jiddispjaċih għal dak li intqal fil-konfront ta' l-Arċipriet Monsinjur Gużeppi Farrugia minn Dr Michael Caruana, u li konformament mal-liġi u mal-kundizzjonijiet tal-liċenzja ta' xandir, _Radju Katidral_ qed jintrabat li ma jxandar l-ebda kontenut li b'xi mod jista' jxerred il-mibgħeda fost is-semmiegħa. L-Awtorita' ordnat ukoll li l-_log tape_ ta' din id-dikjarazzjoni radjufonika tintbagħat lilha fi żmien jumejn mil-lum.**

Inselli għalik,

Edgar Cassar
Segretarju tal-Bord

kopja: Arċipriet Monsinjur Gużeppi Farrugia




Tuesday, January 30, 2007:
Gozo Cathedral Radio broadcasts apology

Radju Katidral, the Gozo Cathedral parish community radio, today broadcast an apology whereby it regretted what one of its most influential parishioners, Dr Michael Caruana, had stated in a live radio programme on August 16, 2006. Dr Caruana, together with Mgr Dr Joe Vella Gauci, Cathedral archpriest, was being interviewed by a Mr Matthew Sultana, another member of the cathedral parish. Mgr Vella Gauci was directed to apologize by the Malta Broadcasting Authority which also ruled that Radju Katidral should desist from spreading hatred in Victoria.

The Malta Broadcasting Authority is a state authority created to supervise and control radio and television broadcasting services in Malta. It monitors all broadcasting stations and regulates their performance in terms of their legal and license obligations. It is also empowered to apply specific sanctions in respect of breaches of license conditions and these include the power to direct a licensee to broadcast a correction or an apology.

After a complaint about the August 16, 2006 programme submitted before it by Mgr Joseph Farrugia, archpriest of St George's basilica, the Authority issued a ruling on January 18, 2007, whereby it decided that on January 30, at noon, Radju Katidral "should broadcast a statement whereby it should totally dissociate itself from the inappropriate words uttered by Dr Michael Caruana with reference to archpriest Mgr Joseph Farrugia".

The Authority also instructed Mgr Vella Gauci to direct Radju Katidral to state that it "regrets what Dr Michael Caruana stated with regard to Mgr Farrugia" and, "in conformity with the law and the conditions of its broadcasting license", the Authority also ordered Radju Katidral to make sure that henceforth "it would broadcast no material that could in any way spread hatred amongst its listeners".

The Malta Broadcasting Authority issued its ruling after it had heard final submissions on Tuesday, January 16, by both Mgr Farrugia and Mgr Vella Gauci. The former was ably assisted by Dr Joseph Grech while the Cathedral archpriest's legal assistant was Dr Alfred Grech. In a brief intervention Mgr Farrugia stated that after the August 16 programme he felt the need to approach the Authority because Radju Katidral's long-running abuse of people should not be allowed to continue unchecked.

In its ground-breaking ruling in favour of Mgr Farrugia the Broadcasting Authority stated that, without going into the defamatory, injurious and factual nature or not of Dr Michael Caruana's words, Radju Katidral "was legally bound to prevent Dr Caruana from continuing to utter such words which are certainly inappropriate on a radio station, let alone a religious one".

Although Mgr Vella Gauci was sitting beside Dr Caruana during the interview, he failed to stop him or even utter a word of protest against the aggressiveness of his words. Dr Caruana is the president of the Leone Band Club of Victoria. The Club organizes the annual feast of Santa Marija on August 15.

The Broadcasting Authority said that Radju Katidral had "the specific duty" to stop Dr Caruana and stated that "according to Radju Katidral's conditions of license there is the condition that a radio should not be used to spread hatred in the community". It went on to say that "unfortunately" the words broadcast across the waves about a person that makes part of the same community did what the broadcasting license prohibits, that is. "proliferate hated in a sectarian way in the community that it targets".

After it examines the log-tape of the statement aired by Radju Katidral, the Malta Broadcasting Authority will decide whether it fulfiled its ruling. Asked for his views Mgr Farrugia stated that as yet he had no precise knowledge of its contents but that he would be hearing it on tape later. In any case he stated that he would not be pursuing the matter any more and would abide by the Broadcasting Authority's judgement. His only wish was that this ugly episode should be done away with for the benefit of a new era of respect and inter-parish collaboration.

BROADCASTING AUTHORITY — L - AWTORITA' TAX - XANDIR
MALTA

Mons. Dr Joe Vella Gauci
Uffiċċju Parrokkjali
Cathedral Church
Cittaddella
Għawdex

13 ta' Marzu, 2007
Ref:33/993

Għażiż Mons Dr Vella Gauci,

B'referenza għall-ilment fil-konfront ta' Radju Katidral ninfurmak illi l-Awtorita', wara li semgħet is-sottomissjonijiet ta' l-Avukat Dr Michael Caruana li d-dikjarazzjonijiet fil-konfornt tiegħu kienet libelluża u wara li ħadet parir legali, ddeċidiet illi ma tkomplix tinsisti għal qari tad-dikjarazzjoni ulterjuri minn Radju Katidral.

Inselli għalik,

Edgar Cassar
Segretarju tal-Bord

c.c. Arċipriet Monsinjur Giużeppi Farrugia

7, Mile End Road, Hamrun HMR 02, MALTA
Tel: (+356) 21221281, 21247908. Fax: (+356) 21240855
E-Mail: info@ba-malta.org

BAŻILIKA SAN ĠORĠ

Eċċ.Tiegħu Rev.ma
Mons. Mario Grech
Isqof ta' Għawdex.

22 ta' Jannar 2007

Eċċellenza,
Inħoss li għandi nibgħatek din l-ittra bħala notifika tar-*ruling* li l-Awtorita' tax-Xandir ta' Malta tat fuq programm li xxandar minn *Radju Katidral* fis-16 ta' Awwissu 2006. F'dan il-programm sar diskors oġġettivament oġġezzjonabbli taħt diversi aspetti, mhux l-inqas taħt l-aspett tal-konvivenza ċivili, u wisq aktar Kristjana.

L-aktar li jinteressani f'dan ir-*ruling* m'hix tant l-apoloġija fil-konfront tiegħi, imma l-istruzzjoni mogħtija lil *Radju Katidral* li għall-ġejjieni "jintrabat li ma jxandar l-ebda kontenut li b'xi mod jista' jxerred il-mibgħeda" - bħalma għamel fis-16 ta' Awwissu 2006 u, inżid, f'diversi okkażjonijiet oħra.

Huwa ta' dispjaċir li dak li ntqal b'mod deliberat u fit-tul mill-President tas-*Soċjeta' Leone* Dr Michael Caruana fil-konfront tiegħi bħala arcipriet tal-parrocca ta' San Gorg, ntqal fil-preżenza ta' l-Arċipriet Joe Vella Gauci li kien qed jiġi intervistat miegħu, u li ma intervjena fl-ebda mument biex iwaqqfu jew joġġezzjona għall-kliem li kien qed jixxandar fuq radju tal-Knisja li jiddependi minnu bħala arċipriet tal-Katidral.

Nirrileva wkoll il-fatt li l-mexxej tal-programm ikkundannat mill-Awtorita' tax-Xandir bħala programm b'kontenut ta' mibgħeda, is-sur Matthew Sultana, kien persuna li wara l-programm imsemmi, ntagħżlet għal rwoli viżibbli ħafna f'attivitajiet djoċesani, fosthom il-manifestazzjoni djoċesana ta' Kristu Re. Il-konsegwenzi ta' din l-għażla, li ma kienet bl-ebda mod xierqa, kienu diversi.

Fit-tama li jintemmu bla dewmien ukoll il-proċeduri dwar l-istess każ li qed isiru fi ħdan il-Kunsill ta' l-Etika fil-Media, inġedded id-disponibilta' tiegħi personali u tal-Parroċċa ta' San Ġorġ biex tissokta titwettaq kull ħidma meħtieġa biex ir-relazzjonijiet bejn iż-żewġ Parroċċi ġor-Rabat ikunu mhux biss korretti imma wkoll pastoralment kollaborattivi u profikwi.

Nitlob, fi Kristu, il-barka tiegħek.

Ġużeppi Farrugia
Arċipriet

Kopja: Kulleġġ tal-Kappillani.

Uffiċċju Parrokkjali, Belt Victoria, Għawdex, Malta
tel: 2155 6377 • fax: 2155 6981 • email: info@stgeorge.org.mt • web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM